MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1414/1999/1

**David John Smith**

**Vs**

**Conrad Grima u Joseph Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati (jew minn minnhom) li jhallsu lill-istess attur dik is-somma li tigi likwidata rappresentanti danni subiti minnu in segwitu ghal incident stradali li gara l-Furjana fis-26 ta' Awissu 1999 meta l-car tal-istanti Daihatsu IBC 772 kienet parkjata u dahlet fuqha l-car Lada IAB 539 misjuqa minn Joseph Caruana li minn naha tieghu jaghti tort lil Conrad Grima li kien isuq Daewoo AAP413. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti (jew minn minnhom) kienu responsabbli ghall-incident u ghad-danni mgarrba mill-istanti. <u>Bl-ispejjes</u>,

komprizi Lm11.50 ta' ittra u konsult, dawk ta' zewg ittri ufficjali ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza l-ammont ma jeccedhiex l-elf lira.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, Joseph Caruana, (fol 4 tal-atti), u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Caruana huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ghall-incident in kwistjoni huwa ma kellu l-ebda tort billi l-incident gara unikament tort tat-traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-iehor Conrad Grima kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor, Conrad Grima, u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1.Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana fil-konfront tal-eccipjenti u dana peress li l-incident awtomobisilitku mertu ta' dan l-avviz sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Joseph Caruana li kien qed isuq il-vettura IAB-539 u baqa' diehel b'velocita qawwija fil-vettura parkeggjata tal-attur.
2.Illi l-vettura tal-eccipjenti lanqas biss ma' kienet fil-karreggjata fejn sehh l-incident u kienet fil-karreggjata l-ohra ossija fid-direzzjoni biex tohrog mill-Belt.
3.Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Joseph Caruana, u dik tal-attur (fol 48 u fol 52 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-provi u atti prodotti mill-partijiet, jidher evidenti li f'dan il-kaz jrid jigi deciz ta' minn hi, fost il-konvenuti, ir-responsabilta delittwali ta' dan l-incident. Difatti l-attur ma kienx prezenti waqt dan l-incident u l-karozza tieghu bin-numru IBC 272 kienet parkeggata man-naha tat-triq fejn gara l-istess incident u konsegwentement ma setax ikollu xi responsabbilta ghal dan.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, jkun opportun li ssir referenza ghall-kopja tar-rapport u skizz relattivi ghal dan l-incident u esebiti mill-fizzjal tal-Pulizija li investigah cjoe PS 1417 Stephen Tarpay (fol 12 et seq ibid). Fuq l-iskizz (fol 16 ibid) jidhru t-tlett vetturi involuti f'dan l-incident cjoe dik gja msemmija tal-attur, parkeggata ma genb it-triq indikata, dik misjuqa mill-konvenut Conrad Grima, bin-numri HAP 413 u dik uzata mill-konvenut l-iehor bin-numru JAB 539. Inoltre jrid jigi notat li t-triq in kwistjoni hi maqsuma f'zewg karregjati wahda lejn il-Belt Valletta u l-ohra lejn il-Furjana u dan permezz ta' linja bajda kontinwa ("continous lines"). In rigward ir-rapport imsemmi, hemm imnizzel, fih, dak li stqarrew 'a caldo' il-partijiet kollha involuti lill-istess fizzjal (ara fol 13 tal-istess atti). Hawnhekk, jidher li l-konvenut, Conrad Grima kien stqarr illi hu kien parkeggat u meta kien hiereg minn fejn kien parkeggat u kien qed jaghmel "U turn" fuq il-linja bajda kontinwa sabiex jmur fid-direzzjoni tal-Furjana, hu qal li gara l-incident li fih kienu involuti z-zewg vetturi l-ohra imsemmija. In rigward il-konvenut l-iehor, dan kien stqarr li kein qed jsuq fit-triq in kwistjoni gej mid-direzzjoni tal-Furjana meta' f'daqqa wahda, l-iehor kien hareg minn fejn kien parkeggat u ghamel 'U turn". Minhabba hekk, sabiex jevita l-karozza misjuqa minn Conrad Grima, hu "…. swerved and collided into parked car ….". Dwar dan jigi notata li kif kien issottometta l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (fol 52 ibid) il-konvenut Conrad Grima meta xehed (fol 28 et seq ibid) biddel, fis-sustanza, dak li kien stqarr lill-istess Pulizija. Difatti hu xehed li meta sehhet il-kollizjoni li skond hu kien ra ssehh billi hares lura mill-mera hu kien di

gja fuq in-naha l-ohra tat-triq, jsuq lejn il-Furjana u kien di gja ittermina l-manuvra esegwita minnu billi minn naha tax-xellug tat-triq kien ghamel 'U Turn' sabiex jitla' lejn il-Furjana, manuvra altament riskjuza u projbita mill-linja medjata kontinwa li di gja ssemmiet. Da parti tal-konvenut Joseph Caruana (fol 31 et seq ibid) dan reggha rrepeta dak li kien stqarr lill-Pulizija fis-sens illi waqt li kien qed jsuq, ghan-nizla, fl-istess triq, hu kien ra lill-Conrad Grima jesegwixxi l-imsemmija 'U turn" meta dan kien ghadu "… tul ta' karozza boghod. Ghalhekk hu "…. skapulajtu fuq in-naha tal-bahar (lejn ix-xellug) sabiex ma nahbatx mieghu" izda minflok kien habat mal-karozza tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi ma irrisultax illi Joseph Caruana kien b'xi mod negligenti jew traskurat fis-sewqan tieghu. Difatti irrisulta illi kien qed, jsuq fuq "the proper side of the road" u b'velocita regolamentari (ara l-iskizz a fol 17 tal-atti fejn hemm specifikat illi wara l-vettura tieghu kien hemm 10.20 metri bhala 'brake marks'. Pero l-konvenut l-iehor esegwixxa manuvra konsistenti f'"U turn" projbita anke mis-sens komuni oltre mill-linja bajda kontinwa u bhala konsegwenza ta' danni rinfaccjata lil Joseph Caruana b'emergenza subitanea, li geghilitu jiehdu "evasive action" u bhala konsegwenza habat mal-karozza uzata mill-attur. Waqt li jinghad ukoll li Conrad Grima ma jidhirx li ha prekawzjonijiet kollha qabel ma saq minn fejn kien parkeggat jidher evidenti li r-responsabilta' kollha delittwali ghal dan l-incident ghandha tigi akkolta totalment, lill-konvenut Conrad Grima.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-"quantum" ta' danni, l-attur (fol 37 ibid) xehed li, in rigward dawn, kienet saret biss stima kif risultanti a fol 35 tal-istess atti u ammontanti ghal Lm708.83,0, figura bl-ebda mod kontestata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' Joseph Caruana, tilqa' it-talbiet fil-konfront tal-konvenut Conrad Grima u:

1. tiddikjara lill-konvenut, Conrad Grima, bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess Conrad Grima;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm708.83,0 u;
3. tikkundanna lill-istess Conrad Grima sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm708.83,0 bl-imghax legali mis-sitta (6) ta’ Ottubru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittra u konsult ammontanti ghal Lm11.50,0, imsemmija fl-avviz kif ukoll dawk taz-zewg ittri ufficjali imsemmijin ukoll fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------